TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 24/14-F

**Rita Mifsud**

**vs**

**Vision Line Market Centre**

Illum 29 t'April, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 ta' Frar, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' mija u ħamsin ewro (€150), rappreżentanti prezz ta' *microwave* li wara li ħaditu għat-tiswija ġie lura kollu grif.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li hija rappreżentanta tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *microwave* għall-prezz ta' mija u ħamsin ewro (€150) mingħand is-soċjeta' ntimata pero' beda jisparkja u ħaditu għat-tiswija. Illi meta ġie lura mit-tiswija kien hemm ħafna grif fuq dan il-*microwave* u għalhekk m'aċċettatux.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u ra r-ritratti kollha tal-*microwave* li ġew esebiti, jinnota illi l-*microwave* mhux aċċettabbli li jiġi aċċettat f'dak l-istat.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas is-somma ta' mitt ewro (€100), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi l-*microwave* jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**